KLR 56/VII/2017

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 20 ta' Settembru 2017 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Il-membru Anthony Briffa.

**56.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**56.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku qal li l-kunsillirr Buttiġieġ ressaq mozzjoni fl-uffiċċju tal-Kunsill fil-11 ta' Settembru 2017 li hu kmieni biżżejjed qabel il-laqgħa. Din il-mozzjni ma ntbagħtitx mis-Segretarju Eżekuttiv peress li kienet imsiefra. Il-membri qablu li l-mozzjni tersaq.

Mozzjoni numkru 20 tressqet mill-membru Buttiġieġ u ġiet issekondata mis-Sindku.

**Mozzjoni Nru. 20**

**Nixtieq inressaq din il-mozzjoni biex possibilment jinbiddlu l-fanali li hemm mal-madwar tal-Bażilika ta' San Ġorġ għax spiċċaw u qdiemu. Dawn qed ikollhom ħsara ta' spiss. Nissuġġerixxi li jsiru simili bħal dawk li saru fi Pjazza Indipendenza.**

Il-membri qablu mal-mozzjoni u x-xogħol għandu jsir meta l-Kunsill ikollu fondi biżżejjed.

---

Tressqet korrispondenza mingħand:-

56.2.1 Silvio Parnis, Segreatju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet fejn talab ikun jaf bi proġetti kapitali li l-kunsill qed jagħmlu fil-preżent;

56.2.2 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali fejn il-Kunsilli ntalbu jressqu lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, d-diffikultajiet finanzjarji tagħhom u x'qed ixxekkel milli l-Kunsilli jaqdu dmirijiethom. Intbagħtet spjega ta' x'ikkawża l-iżbilanċ tal-Kunsill tar-Rabat;

56.2.3 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward *PC application – to establish the planning parameters for the site namely road alignments and levels and proposed access road from* Triq Mro. Dirjano Lanzon. Din f'isem Joe Cordina u l-applikazzjoni għad mhix innumerata;

56.2.4 Marika Inguanez mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xogħol sabiex il-Kunsill jinnomina persuna biex tinħatar President tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja tar-Rabat. Il-membri qablu li jiġi nominat il-Viċi Sindku Josef Schembri;

56.2.5 Joseph Gatt li joqgħod fi Triq il-31 ta' Marzu li qal li quddiem id-dar tiegħu jaqleb l-ilma tax-xita u t-triq iżżomm għadira taħt il-bankina. Qed jitlob li t-triq tiġi livellata. Il-membri qablu li l-Perit imur fuq il-post sabiex jara kif tissolva l-problema;

56.2.6 l-Onor. Anthony Agius Decelis rigward il-Premju Anzjanita' Attiva 2017;

56.2.7 il-Viċi President ta' l-Oratory Youths F.C. fejn intlabet għajnuna finanzjarja għal attivita' li ser jorganiżża l-klabb. Billi dan imur kontra r-regolamenti tal-Kunsilli Lokali, il-membri ma qablux li dan għandu jsir;

56.2.8 Simone Azzopardi li kitbet rigward ħmieġ li hemm fis-*soft areas* ta' biswit il-parkeġġ il-kbir, rigward il-bejjiegħa tal-monti li jarmaw fl-istess parkeġġ u rigward il-*bring in site*. Il-Kunsill ħa ħsieb dawn l-ilmenti;

56.2.9 Patrick Hanout rigward ħmieġ li jitħalla fit-Telgħa ta' Majru. Il-Kunsill ħa ħsieb dawn l-ilmenti;

56.2.10 il-familja Tabone li qed tirranġa post fi sqaq fi Triq San Ġorġ. Qed isibu diffikulta biex jidħlu bl-inġenji minħabba bankijiet u ġebel li hemm barra fl-isqaq. Il-Kunsill g]andu jgħarrafhom li dawn ma sarux bil-permess tal-Kunsill;

56.2.11 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Awtorita' ta' l-Artijiet ħarġet il-premess ta' tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem 'Piazza Cafe', 39, Pjazza San Ġorġ.

**56.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

56.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri rigward qsari kbar li tpoġġew minn naħa ta' Mons. Joe Vella Gauci wara l-monument ta' Dun Alwiġ Vella fi Pjazza Savina. Dawn tneħħew minn naħħa tal-Kunsill peress li saru mingħajr permess u kienu qed jostakolaw spazji tal-bejjiegħa tal- monti.

56.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri rigward nota li l-Kunsill irċieva mingħand iċ-Ċittadella *Management Committee* fejn qalu li dan il-kumitat ma jgħatix l-approvazzjni tiegħu sabiex jitpoġġew kjosks tal-festi fit-Telgħa tal-Belt u fi Triq il-Kastell matul il-ġranet tal-festa ta' Santa Marija. Is-Sindku rrisponda lura u qal li dan il-kumitat m'għandux l-awtorita' li jżomm lill-Kunsill milli joħroġ permessi f'toroq li jaqgħu taħtu. Barra minn hekk is-Sindku fakkar lil dan il-kumitat li kull meta jorganizza attivita' f'post li hu tal-Kunsill għandu jitlob il-permess tal-Kunsill kif dejjem kien isir.

56.3.3 Il-kawża tal-Qorti Joseph Grima vs Kunsill Rabat Għawdex inqatet u l-Kunsill għandu jħallas €31,768.18 u l-ispejjes tal-Avukati. L-ammont hu ferm inqas minn dak iddikjarat fil-kawża oriġinarjament li kien ta' €74,620.79.

56.3.4 Il-membri ġew mgħarrfa li l-*bollards* ta' Pjazza Indipendenza ser jibdew jitpoġġew fit-tieni ġimgħa t'Ottubru.

**56.4 Monti**

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-monti beda jopera fi Pjazza Savina fil-18 t'Awwissu 2017 kif miftiehem. Kien hemm mill-bejjiegħa tal-monti li bdew jarmaw fl-ispazji allokati lilhom. Tenna li reġa' kiteb lill-Ministru Chris Cardona rigward il-proposta sabiex il-bejjiegħa tal-monti t'Għawdex jiġu offruti kumpens aċċettabli biex min ikun interessat ikun jista' jirtira. Is-Sindku għarraf ukoll lill-preżenti rigward il-korrispondenza li kienet għaddejja bejn l-avukat tal-Kunsill u l-Avukat Joe Ellis li qed jirrappreżenta wħud mill-bejjiegħa tal-monti. Il-membri qablu li wara li l-bejjiegħa tal-monti jaħtru kumitat rappreżentattiv, il-Kunsill ikun jista' jiltaqa ma dan il-kumitat sabiex tiġi diskussa l-allokazzjoni tal-kaxxi bin-numri rispettivi fi Pjazza Savina.

Tressqet din il-korrispondenza rigward il-monti mingħand:-

56.4.1 Miriam u Michael Zammit sidien ta' 'Roma Shoppping Complex' fejn esprimew id-diżappunt tagħhom minħabbba l-fatt li tneħħa l-monti minn Pjazza Indipendenza;

56.4.2 disa' sidien ta' ħwienet ta' Pjazza Indipendenza fejn wrew li jaqblu mad-deċiżjoni tal-Kunsill li jitneħħa l-monti minn Pjazza Indipendenza;

56.4.3 il-Kummisjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilita' minħabba li l-monti fi Pjazza Savina qed jostakola l-parkeġġi riservti għall-persuni b'diżabilita'. Il-membri qablu li jintalab il-permess sabiex jitneħħa l-parkeġġ tal-persuni b'diżabilita' minn ma ġenb il-knisja ta' savina u minflok isir wieħed ġdid fi Pjazza Indipendenza faċċata ta' Triq San Ġużepp.

56.4.5 George Mario Mizzi li talab sabiex jitniżżel fil-*waiting list* tal-bejjiegħa tal-monti ġodda. Il-membru Portelli ħarġet mill-kamra waqt li tressqet din il-korrispondenza peress li hi kuġina ta' l-applikant.

**56.5 *Playing Field – update* mill-Perit**

Waqt din il-parti tal-laqgħa ġie kkuntatjat il-Perit Scerri bit-telefown fejn ta dettalji ta' x'irid isir biex ix-xogħhol jitkompla. Il-kuntrattur tal-*fencing*, wara li ngħata twissija, ltaqa' mal-Perit u x-xogħol tal-*fence* ta' barra għandu jitkompla fl-immedjat. Sa l-aħħar tas-sena għandu jkun lest u għandha tinħareġ l-offerta tal-*landscaping*. Is-Sindku qal li ser jitkellem ma Galea Curmi Eng. fir-rigward tad-dawl u tal-*cameras* u jaraw x'soluzzjoni tista' tinstab minħabba n-nuqqas ta' fondi. Il-membri qablu li għandu jintalab lill-Minsteru għal Għawdex sabiex meta jitlesta l-proġett, il-*playing field* tkun tista' tingħalaq u tinfetaħ mill-ħaddiema tal-Villa Rundle.

### 56.6 Offerta Ġbir ta’ Skart u Offerta Tindif fir-Rabat

Is-Segrearju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li dawn iż-żewġ offerti ser jiskadu u l-membri qablu li jinħarġu sejħiet għal offerti ġodda. Qablu li fl-offerta tat-tindif tat-toroq għandu jiżdied li ċ-Ċentru tar-Rabat għandu jinkines darbtejn kuljum.

### 56.7 Kontijiet tad-Dawl u ilma tal-latrini

Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jikteb lill-ARMS rigward lil-kontijiet tad-dawl u l-ilma li jkopru s-servizzi li hemm fid-deversi latrini tar-Rabat. L-ARMS tibgħat dawn il-kontijiet lid-Dipartiment tal-Ambjent fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex liema dipartiment imbgħad jgħaddi dawn il-kontijet lill-Kunsill. L-istess kontijiet mhux qed jitħallsu la mid-dipartiment u lanqas mill-Kunsill. Irriżulta li fuq il-kontijiet tniżżel ukoll il-Kunsill tar-Rabat mingħajr il-kunsens tiegħu. Il-Kunsill ser joġġezzjona għal dan.

### 56.8 Immaniġjar tat-Traffiku

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

56.8.1 *one metre double yellow lines* biswit il-garaxx ta’ 67,Triq il-Kunsill Ċiviku;
56.8.2 *one metre double yellow lines* biswit il-garaxxijiet ta’ ‘Erevgreen’ u ‘Stars and Stripes’ fi Triq Muniċipju Ruman;
56.8.3 *one metre double yellow lines* biswit garaxx fi Triq 31 ta’ Marzu;
56.8.4 *one metre double yellow lines* biswit il-garaxx ta’ ‘Ohana’ fi Triq Aniċi;
56.8.5 *1.5mtr keep clear* quddiem ‘Kwiksave’ fi Triq Ninu Cremona;
56.8.6 tabelli tan-*No Parking* fi Triq Għajn Qatet;
56.8.7 żewġ parkeġġi riservat għaċ-‘Ċentru Rgħaj it-Tajjeb’ fi Triq Sir Paul Boffa;
56.8.8 *traffric mirror* faċċata tal-garaxx ta’ ‘Victoria Court’ fi Triq l-Ewropa;
56.8.9 parkeġġ riservat għall-muturi biswit blokk KA u KB f’taċ-Ċawla H.E. Il-Kunsill għandu jerġa jikteb lill- TM sabiex isir parkeġġ ġdid għal-muturi u mhux jittieħed wieħed eżistenti li kien jintuża mill-vetturi;
56.8.10 *parking bays* fi Triq Sir Arturo Mercieca.

TM ma ħarġitx il-permess għall:-

56.8.11 *bollards* quddiem ‘Jude’, Triq it-8 ta’ Diċembru;
56.8.12 *double yellow lines* quddiem 143, Triq Għajn Qatet;
56.8.13 *un/loading bay* quddiem ‘Kaiser’ Triq Fortunato Mizzi.

Il-Kunsill talab il-permess ta’ TM għall:-

56.8.14 *double yellow lines* biswit garaxx 68, Triq Mattia Preti;
56.8.15 *double yellow lines* biswit garaxx 132, Triq Sant Orsla;
56.8.16 *double yellow lines* fil-kantuniera ta’ Pjazza Savina ma Triq Santa Marija.

56.8.18 Il-Kunsill talab dettalji lill-TM fuq it-tabelli u l-parkeġġi riservati li hemm fil-parkeġġ ta' fejn il-'Flora' fit-Telgħa tal-Belt.

56.8.19 TM bagħtet talba għall-parkeġġ riservat għall-perunsi b'diżabilita' quddiem id-dar ta' Carmela Farrugia, 44/46, Triq Sir Luigi Camilleri. Il-Kunsill jimla' l-formola rikjesta minn TM.

56.8.20 Tressqet korrispondenza li l-Kunsill ta' Kerċem bagħat lill-TM rigward it-traffiku u l-periklu li qed ikun hemm fil-wesgħa ta' Qasam San Ġorġ li fil-maġġoranza tiegħu qed ikun ikawżat mill-*coaches* tat-turisiti li jieqfu jħottu f'din l-*area*;

56.8.21 Il-Kunsill ser jissuġġerixxi lill-TM sabiex fi Triq il-Wied issir sistema ta' parkeġġi riservati bejn in-12.30 u l-16.00 għall-*coaches* tat-turisti. Dan sabiex ikun hemm inqas periklu fil-wesgħa ta' Qasam San Ġorġ waqt il-ħinijiet li fihom ikun hemm bosta *coaches* iniżżlu u jtellgħu t-turisti.

56.8.22 Tressqet *email* mingħand Rachel Robinson li toqgħod fi Triq Santa Marija fejn resqet ilmenti rigward it-traffiku u n-nuqqas ta' presenza ta' gwardjani lokali fi-toroq id-dojoq tal-mandraġġ. Il-Kunsill ser jirrapporta dan lill-entitajiet konċernati;

56.8.23 Tressqet *email* mingħand George u Vivianne Gusman li joqgħodu fi Triq l-Assunta. Ressqu xi lmenti u suġġerimenti rigward in-nuqqas ta' parkeġġ fl-*area* li joqogħdu fiha.

**56.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2017 skont dokumenti A u B annessi.

**56.10 Xogħolijiet oħra**

*Dawl tat-toroq*

56.10 Il-membri qalbu li:-
56.10.i jintalab biex issir bozza ġdida ma arblu eżistenti fi Triq Ċangar kantuniera ma Triq Aniċi;
56.10.ii jintalab biex issir bozza ġdida ma 44/46 fi Triq Sir Luiġi Camilleri;
56.10.iii jintalalb biex issir bozza ġdida ma 'Rubina', fi Triq il-Mitħna.

Il-membri qablu biex:-

56.10.2 isir puġġaman żgħir maż-żewġ tarġiet li saru fi Pjazza Sabina fil-kantuniera tad-dentist Xuereb;

56.10.3 titranġa l-bankina ta' 'Ohana', fi Triq Aniċi peress li s-sidien meta qed idaħħlu l-vettura tagħhom fil-garaxx qed tikkawżalhom ħsara;

56.10.4 jitranġaw tumbati li hemm quddiem il-ġaraxx tal-'Arkadia' fi Triq Karlu Galea;

56.10.5 jitranġaw il-fili li għandhom il-ħsara fil-pavimentar ta' Pjazza Indipendenza. L-ispejjes għandhom jonqsu ill-kontijet ta' Gatt Tarmac li kienu għamlu x-xogħol f'din il-pjazza;

56.10.6 TC Cleaning li hu l-kuntrattur tat-tindif tat-toroq jibqa' jiġbor l-iskart/boroż li jintremew illegalment f'*areas* sensittivi, bħal Triq Ġorġ Borġ Olivier, fejn il-*birng in site* u fil-belvedere ta' Qasam San Ġorġ;

56.10.6 jitranġa d-diżlivell li hemm mad-dawra tan-nofs fi Pjazza San Ġorġ. L-ispejjes għadhom jonqsu mill-kontijet ta' Road Construction li kienu għamlu x-xogħol f'din il-pjazza;

56.10.7 Rowena Debrincat, I.D. no. 5083G li tixtieq tarma u tbiegħ frott u ħaxxi fil-parkeġġ il-kbir u tuża *area* ta' 17.5 metru kwadru. Din għandha timxi mal-liġi applikabbli;

56.10.8 m'hemmx oġġezzjoni għat-talba ta' tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut 'Fantasia', 9, Pjazza Savina, dment li l-aċċess tal-pedonali fuq il-bankina eżistenti ma jiġix ostakolat;

56.10.9 titranġa rampa li tiżloq quddiem id-dar 'Waratah' fi Triq Ġuże' Ellul Mercer;

56.10.10 jitpoġġa bank fi Triq Wied il-Lunzjata fejn il-ħanut tal-ħġieġ.

56.10.11 il-membru Portelli resqet korrispondenza mingħand Nemanja Milojevic f'isem is-Sinkdu ta' Indjija fis-Serbia fejn intalab il-kopereazzjoni kulturali bejn Malta, l-Italja u s-Serbia. Il-membri qablu li din il-koperazzjoni għandha tibda' u li ma jkunx hemm spejjes involuti.

**56.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 3 ta' Novembru 2017 fis-19.15.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv